**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 9 ta' Novembru 2021**

## Rik. Mand. Nru.: 190/2021/2 JPG

**KZ**

**Vs**

**CG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' KZ datat 5 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghandu interess illi l-minuri hawn taht imsemmija ma jittiehdux barra minn Malta;*

*Illi l-intimat huwa persuna li ghandu, jew li jista' jkollu il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmija minuri;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn huwa jigi ordnat milli jiehu lil minuri barra mill-Gzejjer Maltin jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta.*

*Dettalji minorenni:*

*DG ta' X snin, imwieled mill-partijiet f'X, gewwa l-isptar Mater Dei Tal-Qroqq, Msida, kopja tac-certifikat anness u mmarat 'Dok A' u ritratt tal-*

*minuri mehud ricentament anness u mmarkat bhala 'Dok B'. Illi kontestwalment infethet medjazzjoni bejn il-partijiet bin-numru 1122/21.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CG datata 26 ta' Ottubru 2021, li taqra hekk:

1. *Din hija risposta ghar-rikors ipprezentat mill-attrici, KZ skont l-artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tohrog Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat li jzommu milli jiehu lit-tifel tieghu, DG barra minn Malta.*

2. *Il-pretensjonijiet maghmula mill-attrici huma ghal kollox bla bzonn u evidentiment vessatorji ghaliex il-konvenut qatt ma hedded lill-attrici li se jiehu lill-imsemmi minuri barra minn Malta. Anzi, l-esponenti dejjem isiefer fil-qosor biss u dejjem jirritorna lura lejn Malta fi zmien qasir, ma dana kollu huwa m'ghandux il-hsieb li jitlaq minn Malta b'mod permanenti u dan minhabba li huwa Malti u ghandu hajtu essenzjalment Malta.*

3. *M'hemm l-ebda raguni prima facie skont il-ligi li ghaliha din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex jinharreg il-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat.*

4. *L-intimat qed joggezzjona ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni u dan ghal diversi ragunijiet li se jinghataw f'din ir-risposta.*

*Fatti tal-Kaz*

5. *Minn relazzjoni ta'disa (9) snin bejn il-partijiet, twieled il-minuri DG, ta' X snin, il-kontendenti huma it-tnejn Maltin . Il-minuri minn dejjem trabba Malta.*

6. *Il-kontendenti ma jirrisjedux flimkien, u kien propju fl-istess gurnata li kien intavolat il-mandat de quo li kienet miftuha l-medjazzjoni. Il-kontendenti ghadhom anqas biss ircevew l-ewwel appuntament ghal-medjazzjoni u*

*ghalhekk dispozizzjonijiet dwar ir-residenza, u anke se mai, id-domicilju tal-minuri ghadhom ma gewx diskussi. Ma dana kollu,l-esponenti jixtieq illi l-minuri jkun ta' domicilju Malti; dan juri bic-car illi l-esponenti jixtieq illi l-esponenti m'ghandu ebda intensjoni li jitlaq minn Malta bil-minuri, specjalment mil-mohbi tar-rikorrenti.*

*Prima Facie*

7. *Kif taf ben tajjeb din l-Onorabbli Qorti, hemm diversi sentenzi li jistabilixxu li f'dawn it-tip ta' rikorsi, il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-mertu tal-kawza peress li tkun qed tiddeciedi l-kawza minghajr smigh xieraq. Fl-istadju, il-Qorti ghandha tezamina jekk hix 'sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet'.*[1]

8. *Fil-kawza fl-ismijiet Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi*[2]*, inghad is-segwenti; 'il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola procedura ta' din ix-xorta, u cjoe' li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi mihuda.'*

9. *Kif ukoll fil-kaz Emanuel Balzan vs Francelle Agius*[3] *fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal kawza Camilleri vs.Gove et., ' Mid-dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-stadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari u li ghad qed tisstenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.'*

10. *L-esponenti jaghmell referenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-*

[1] Art 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Deciz fis-06.02.2013; Rikors Numru 1006/2012.
[3] Application number 101/15 decided on 16th February, 2015

*kawza Grech pro et noe vs Manfre*[4] *deciza fl-14 ta' Lulju, 1988, '...huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.'*

11. *Fl-umli opinjoni tal-intimat, m'hemm l-ebda bazi prima facie ghall-hrug ta' dan il-mandat. L-intimat huwa genitur responsabbli li, bhal dejjem, ha hsieb it-tifel tieghu u ghandu l-interess tieghu ghal qalbu. Ghandu jigi dikjarat li fil-passat, il-partijiet qatt ma kellhom kwistjonijiet bhal dawn meta DG ivvjagga barra minn Malta ma' l-intimat ghall-btala. Fil-fatt, it-tifel dejjem mar lura Malta fid-data miftiehma.*

12. *Fir-rikors odjern ir-rikorrenti ma specifikat ebda inkwiet partikolari u anqas ma gabet evidenza li prima facie turi li l-intenzjoni tal-esponenti hi li jiehu lil minuri barra minn Malta, dan ghaliex ma tezisti l-ebda biza reali l il-minuri jittiehed barra minn Malta.*

13. *Ir-rikorrenti huwa Malti, b'domicilju Malti. Ir-rikorrenti taf sew, illi l-intimat ghandu diversi impenji f'Malta li minnhom jidher car u bla dubju x'inhi l-intenzjoni vera tieghu, li jibqa' jghix Malta mat-tifel tieghu. Il-familja tal-esponenti tinsab Malta wkoll, l-istess bhar-rikorrenti ghalhekk ghandu rabtiet sodi ma Malta. In oltre, l-esponenti jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghas-segwenti fatturi li jsahhu l-argument tieghu:*

    *L-intimat ghandu:*
    - *Loan ma Bank Lokal (BOV)*
    - *Negozju u Kumpanija irregistrata Malta*
    - *Vettura f'Malta*
    - *Kawzi ulterjuri miftuha f'Malta*

14. *L-esponenti jistieden lil din l-Onorabbli Qorti tistaqsi, 'persuna li behsiebha titlaq minn Malta thallas it-taxxa tat-triq u l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, tkompli tithabet ghan-negozju taghha f'Malta? Minghajr dubju, it-twegiba hija LE.*

[4] (Kollez. Vol. LXXII.II.295)

*Salv eccezzjonijeit ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Semghet u ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici KZ xehdet nhar is- 27 t'Ottubru 2021** u spjegat illi r-relazzjoni taghha mal-intimat intemmet f'Jannar tas-sena 2021, u li bhalissa qieghda tghix go fond mikri flimkien mal-minuri. Izzid illi tul dawn l-ahhar xhur, l-intimat qalilha li xtaq isiefer bit-tifel u sa jumejn ilu qalilha biex jitkellmu ha jilhqu kompromess. Filfatt huma tkelmu fejn id-dar t'ommha u spjegalha li jixtieq isiefer bil-minuri. L-attrici kienet tal-fehma li t-tifel ghadu zghir wisq biex jsiefer. Tispjega illi l-minuri ghandu X snin, u li bhalissa hi ma tarax li huwa mument li jsifer wahdu bil-minuri.

L-attrici taghmel accenn ghall-argument li gara sentejn ilu, meta insegwitu ta' l-argument, l-intimat kien ha lit-tifel u qalilha li ma kinitx ser tarah aktar u li kien ha jsiefer bih u ghalhekk baqghet tibza. Izzid illi l-intimat isiefer ta' spiss, izda tiddikjara li ma tafx x'inhu xogholu. Filfatt peress li jkun aktar imsiefer milli Malta, talabha biex meta jkun Malta, ikun jista' jara lill-minuri minghajr oggezzjoni da parti taghha. Tirrileva illi l-intimat qalilha li huwa beda jghid li ser jixtri xi post l-Italja u kien anke urihom lill-minuri u lilha stess.

Fir-rigward tal-passaport, l-attrici sostniet illi l-passaporti taghha, u tat-tifel, kien izommhom id-dar tieghu f'safe, izda l-passaport tat-tifel huwa skadut. Isostni illi l-intimat qatt ma siefer bil-minuri wahdu u meta siefru kienu siefru bhala familja. Tirrileva illi l-intimat talabha biex ikun jista' jsiefer wahdu bit-tifel, u biex isiefer bil-kunsens taghha, pero' l-attrici tixhed illi ma tistax tafda lill-intimat bit-tifel wahdu.

In **kontro-ezami** l-attrici tikkonferma illi dan l-ahhar, l-intimat dejjem staqsiha meta xtaq

isiefer bil-minuri. Tispjega illi meta kienu ghadhom flimkien huma siefru erbgha darbiet. L-argument li ghamlet accenn ghalih, gara f'Novembru ta' sentejn ilu. Pero' tikkonferma illi minn dakinhar l'hawn l-intimat dejjem talab il-permess taghha meta xtaq isiefer bil-minuri. Izzid illi dwar din il-biza u dwar il-passpaort hija qatt ma ghamlet rapport mal-Pulizija. Mistoqsija fuq jekk il-partijiet fil-prezent humiex jirrangaw il-ftit divergenzi li jinqalghu bejniethom, l-attrici tikkontendi illi jumejn ilu l-intimat mar b'karta fejn kellu imnizzel dak li xtaq minghandha fejn jidhol il-minuri. Isostni illi kien hemm affarijiet fejn hija qablet u ohrajn fejn hija ma qablitx, illi pero' l-intimat qabad u telaq u effettivament ma tafx jekk hemmx qbil jew le fuq l-affarijiet li gew diskussi ghaliex x'hin cemplitlu qatghalha u qalilha biex ma tkellmux iktar.

Tikkonferma illi tul dawn l-ahhar tmien xhur, kemm ilhom mhux flimkien, il-minuri gieli raqad mal-intimat u li dejjem gie ritornat lilha skond kif kienu miftehmin. L-attrici zzid illi dawn l-ahhar ftit xhur, l-intimat beda jaghmel komunikazzjoni biss mat-tifel, u li kien hemm insistenza da parti tal-intimat biex jaghmlulu l-passaport biex ikun jista jsiefer bih, izda hi qatt ma ffirmat ghat-tigdid tal-passaport tal-minuri.

**L-intimat CG xehed nhar is- 27 t'Ottubru** 2021 u spjega illi xi tlett gimghat ilhu fil-bidu t'Ottubru, kien qieghed Sqallija, u cemplitlu l-Ispettur Lara Butters mill-Immigrazzjoni u hasditu meta qaltli li ghandhom rapport li ser jahrab bil-minuri. Spjegalha illi hu kien qieghed Sqallija, u li l-passaport tat-tifel kien skadut. Jikkonferma illi l-Mandat gie prezentat meta kien imsiefer. Mistoqsi mill-Qorti jekk qabel din id-data qatt kienx hemm allegazzjonijiet jew rapporti mal-pulizja dwar htief tat-tifel, jispjega illi xi sena u nofs ilu, kellhom argument fejn id-dar t'omm l-attrici u spiccaw gew il-pulizija, u hu qabad u telaq bit-tifel, izda huma ma qalulu xejn. Izzid illi dak il-hin forsi setgha qalilha isma ha nahrablek bit-tifel fis-sahna tal-mument. Sentejn ilu l-affarijiet trangaw, regghu hzienu, regghu trangaw. Jixhed illi sa tlett (3) xhur ilu meta kienu qeghdin jahsbu biex igeddu l-passaport tal-minuri, kienu sejrin Sqallija flimkien, pero' issa ghax regghu nqalghu l-argumenti u il-ghaliex l-attrici mhix tiela' Sqallija mieghu, allura ma rieditx li t-tifel jsiefer.

Jikkonferma illi huwa lest li jsiefer bil-firma tal-attrici b'dana illi huwa ma jkunx jista' jibqa' barra l-pajjiz. Illi wkoll huwa ghandu negozju hawn Malta, familja, loan, u dejn u ma jarax ghalfejn ghandu jahrab. Jixhed illi l-Ispettur Butters talbitu jaghtiha l-passport u peress li hu kien qieghed imsifer, ftiehem maghha li jikkonsenjah tramite l-avukat li dak iz-zmien huwa

kien qabbad. L-intimat isostni illi huwa jixtieq illi jekk huwa tiela' sa Sqallija lill-minuri hadu mieghu u li jiehdu Disneyland, u ma jarax ghalfejn li issa li m'ghadhomx flimkien m'ghandux jiehdu Disneyland.

Mistoqsi fuq in-natura tax-xoghol tieghu, l-intimat iwiegeb illi huwa ghandu tlett hwienet, club li bhalissa jinsab maghluq, hanut tat-takeaway mikri u hanut iehor li ghadu under construction, Club tal-Bocci tal-Pieta. Jispjega illi minhabba li ghadu kif ha dan il-hanut, huwa siefer biex jaraw xi fornijiet, equipment tal-hanut u filfatt anke siefer l-Bulgarija fejn mar jiccekja minhabba kaxxi u napkins ghaliex hemm prezzijiet ahjar.

**In kontro-ezami** l-intimat jikkonferma illi meta huwa kien qieghed jitlob illi jsir il-passaport tal-minuri kien hemm qbil bejn il-partijiet ghaliex kienu ha jitilghu Sqallija flimkien. Illi minkejja li huwa minnu li huma kienu raw xi postijiet fi Sqallija, kienu qeghdin iduru dawra hemmhekk. Jikkonferma illi huwa qatt ma siefer bit-tifel wahdu ghaliex dejjem ha lill-familja kollha mieghu, izda ma jistax jifhem ghalfejn issa li m'ghadux mal-attrici ghalfejn ma jistax jiehu lill-minuri.

Mistoqsi jekk ghandux intenzjoni li jqatta' parti minn hajtu barra minn Malta, l-intimat isostni illi missieru huwa marid u ghalkemm ilhom jghidu xi hmistax – il sena li jixtiequ li jmorru jghixu barra, qatt ma waslu biex hadu dan il-pass. Illi llum il-gurnata huwa ghandu diversi rabtiet hawn Malta, u ma jistax jaqbad u jitlaq mill-lum ghall-lum. Izied illi hu mhux fi hsiebu li jiehu lit-tifel minn m'ommu.

**Ikkonsidrat:**

Illi dan huwa digriet wara talba maghmula fir-rikorrenti permezz tar-rikors guramentat data 5 t'Ottubru 2021, fejn talbet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex twaqqaf lill-intimat milli jiehu lill-minuri iben il-partijiet barra minn Malta.

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> **"*(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew***

> ***li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***"

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-mandat ghal inbizzjoni tal-partenza ta' minuri, jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-mandat t'inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenti ghalhekk jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993 -** Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-

jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[5]

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima li damet disa (9) snin, mill-liema relazzjoni twieled il-minuri DG nhar X, u dan kif jirrizulta mill-att tat-twelid esebit *a fol* 4 tal-process. Illi l-minuri, iben il-partijiet, illum ghandu circa X snin.

Jidher illi l-mandat odjern gie intavolat fl-isfond ta' proceduri ta' medjazzjoni bl-ghan li jigu regolati l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment, liema proceduri jidhru li ghadhom fi stadju bikri ghall-ahhar stante li skond dak dikjarat mill-intimat fir-risposta tieghu, il-partijiet ghadhom ma rcevewx appuntament ghall-ewwel seduta.

Ir-rikorrenti tirrileva illi hija ghandha biza' reali li l-konvenut jitlaq mill-pajjiz bil-minuri l-Italja. Illi din il-biza' da parti tal-attur kienet xprunata mill-fatt li fil-passat l-intimat heddidha li kien sejjer jiehu lill-minuri barra minn Malta. Illi ricentement jidher li l-intimat stqarr mal-attrici illi kien qieghed jithajjar jixtri post l-Italja siefer l-Italja ma' oht l-attrici. Illi jidher li f'okkazzjoni minnhom il-minuri sellem lill-missieru billi qallu " *narak l-Italja Daddy."*

Illi fir-risposta tieghu l-intimat filwaqt li joggezzjona ghall-hrug ta' dan il-mandat, jirrileva illi m'hemm l-ebda bazi *prima facie* ghall-hrug ta' dan il-mandat, stante li l-intimat jidher huwa genitur responsabbli, li dejjem ha hsieb lill-minuri u ghandu l-interess tal-istess minuri ghal qalbu. Izid illi fil-passat, il-partijiet qatt ma kellhom kwistjonijiet bhal dawn meta l-minuri ivvjagga barra minn Malta mal-intimat missier ghal-btala. Isostni illi l-attrici ma specifikat l-ebda preokupazzjoni partikolari u anqas ma gabet evidenza li prima facie turi li l-intenzjoni tal-intimat hi li jiehu lill-minuri barra minn Malta. Illi maghdud ma' dan, jishaq illi bhar-rikorrenti, huwa ghandu rabtiet sodi ma' Malta b'dana illi l-familja tal-intimat tinsab Malta u ulterjorment huwa ghandu loan ma' bank kummercjali lokali, u kif ukoll negozju u kumpanija registrata hawn Malta.

---

[5] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

Ghalkemm il-proceduri tal-mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri huma proceduri staordinarji li ghandhom jintuzaw biss fl-interess suprem tal-minuri biex jipproteggu li wiehed mill-genituri milli jkun arbitrarjament deprivat minn relazzjoni ma' uliedu u mhux sabiex genitur ikun jista' jzomm li genitur l-iehor ostagg. Diment li m'hemm xejn li jindika li genitur jew iehor huwa *'an unfit parent'*, it-tfal jehtiegu l-presenza ta' entrambi l-genituri u hin adegwat mat-tnejn b'dana illi jkunu jistghu jibnu relazzjoni b'sahhitha maz-zewg genituri.

Illi wara din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-provi in atti, ma tqisx illi l-intenzjoni tal-intimat kienet li jahrab bil-minuri mill-pajjiz, tant li l-attrici jidher li kienet konsapevoli tas-safra lejn Sqallija. Illi mit-testimonjanza tal-intimat jidher illi l-interess li l-intimat jidher li kellu versu propjeta fi Sqallija kienet wahda superficjali, u attivita' ta intratteniment sakemm ikun qieghed Sqallija, limitata ghal ezercizzju ta' paragun bejn il-prezzijiet lokali u dawk ta' Sqallija. Illi ghajr l-argument li kien hemm bejn il-partijiet madwar sentejn ilu, jidher li l-intimat dejjem talab il-permess tal-attrici qabel twebbel biex isiefer lill-minuri mieghu. Illi din il-Qorti rat ukoll kif il-passaport tal-minuri huwa skadut u ghalhekk jehtieg il-firem taz-zewg genituri biex jigedded gialadarba l-kustodja hija wahda kongunta.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Italja huwa pajjiz membru kemm tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll tal-Konvenzjoni tal-Aija dwar il-minuri, b'dana illi huwa possibli ghar-rikorrenti li tintavola l-proceduri appoziti sabiex il-minuri jkun jista' jingieb lura Malta.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li r-rikorrenti ser tbghati xi pregudizzju irrimedjabbli jekk ma jinharigx dan il-mandat.

Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti u l-gurisprudenza su citata, il-Qorti hija tal-opinjoni illi ma jikkonkorrux l-elementi kollha necessarji sabiex jinhareg dan il-mandat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* dik il-parti tad-digriet taghha tal- 5 t'Ottubru 2021 permezz ta' liema laqghat it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors taghha tal-5 t'Ottubru 2021 ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Awtoritajiet kompetenti.**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.**

**Moghti kameralment illum.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**